# 7. Il-Qamar fil-Ġnien

Minn ġewwa x-xuxa ta’ kull siġra d-dija
traxxax maz-zkuk, mal-frieġħi, mas-sensieli;
jitwaħħdu ma’ xulxin u geġwiġija
flimkien fid-dawl u d-dell ġol-ħamri x-xtieli,

U biss mill-fwieħa tagħraf bla tbatija
il-ġiżi mill-peprin ġewwa l-ħammieli;
sew f’nofs il-ġnien jinħasel f’magħmudija
ta’ leqqa u dawl ġol-għajn il-Qamar hjieli.

Tħossok qiegħed f’xi maqdes tagħti l-qima
lil x’alla kbir; tixtieq bl-akbar imħabba
tidboħ dbiba bla tebgħa, bajdanija,

Li kieku mhux għaliex għajjat il-bhima
iħassar dan is-skiet, u demmha jtabba’
flimkien man-nar felħan tal-lejl id-dija.